A.L. 67 ta' l-1982

ATT TA' L-1947 DWAR IL-PROVVISTI U SERVIZZI (ATT NRU. IV TA' L-1947)

Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Kontroll ta' Miżati fi Skejjel Privati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi, id-Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Iżvilupp Ekonomiku għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Kontroll ta' Miżati fi Skejjel Privati.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"skola" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni;

"miżati ta' skola" tfisser ħlas dwar kull edukazzjoni jew tagħlim mogħti fi skola jew dwar attendenza fiha, u tinkludi kull ħlas jew rimunerazzjoni dwar xi librerija, laboratorju jew faċilità ta' sport li tkun tista' tinkiseb fl-iskola, u "miżati" tiftiehem fl-istess sens.

Miżati preskritti ta' skola privata m'għandhomx jinqabżu.

3. Ebda persuna ma għandha, dwar skola privata, titlob jew tirċievi miżati ta' skola li jkunu iżjed mill-ammont li minn żmien għal żmien jiġi preskritt mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta:

Iżda jekk ma jkunx hemm ordni bħal dak fis-seħħ l-ammont li jista' hekk jintalab jew jiġi riċevut m'għandux ikun iżjed mill-ammont (li fih ma tiġi nkluża ebda kontribuzzjoni jew donazzjoni) mitlub minn dik l-iskola bħala miżata fis-16 ta' Novembru, 1982.

Ħlas għal trasport.

4. Ebda persuna ma għandha titlob għat-trasport ta' studenti għal skejjel privati u lura xi ammont li jkun iżjed mill-inqas wieħed mill-ammonti tar-rata li titħallas f'ċirkostanzi simili għat-trasport ta' tfal ta' l-iskola li jkunu qed jirċievu tagħlim jew edukazzjoni fi skejjel tal-Gvern u tar-rata li kienet titħallas mill-persuna suġġetta għall-miżata ta' skola fis-16 ta' Novembru, 1982.

Reati.

5. (1) Kull persuna li taġixxi bi ksur ta' jew li tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u teħel —

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira iżda mhux iżjed minn mitejn u ħamsin lira;

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba, multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira hekk iżda li jekk it-tieni reat isir fi żmien tnax-il xahar minn meta tinsab ħatja l-ewwel darba min jagħmel ir-reat jista' jeħel il-piena li tinsab fis-sub-paragrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu;

(ċ) meta tinsab ħatja darb'oħra wara, multa ta' elf lira u l-Qorti tista', u jekk hekk mitluba mill-Prosekuzzjoni għandha, b'żieda tikkundanna lil min jagħmel ir-reat għal priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn għaxart ijiem u mhux iżjed minn sitt xhur.

(2) B'żieda mal-piena stabbilita fis-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament il-Qorti għandha, fuq it-talba tal-Prosekuzzjoni, meta ssib lill-akkużat ħati t-tielet darba jew wara tordna s-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza miżmuma mill-iskola privata li għaliha jirreferi r-reat.

(3) Reati kontra dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li huma kontravvenzjonijiet.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, m'għandhomx japplikaw għal xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Donazzjoni u kontribuzzjoni jingħaddu biex jiġi stabbilit l-ammont imħallas bħala miżati.

6. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni oħra u kull donazzjoni jew kontribuzzjoni mogħtija jew imwiegħda wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti minn jew f'isem persuna li għandha tħallas miżati ta' skola, għandhom jiġu meqjusa biex jiġi stabbilit l-ammont li għandu jintalab jew li jiġi riċevut bħala miżati ta' skola.

Il-kap ta' l-iskola u oħrajn jiżguraw li jiġu mħarsa r-regolamenti.

7. Il-kap ta' skola privata, il-persuna li isimha jidher fuq il-liċenza maħruġa jew meqjusa li nħarġet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, u kull persuna oħra li tieħu sehem fit-tmexxija, fl-amministrazzjoni jew fil-kontroll ta' l-iskola privata għandhom jieħdu dawk il-passi kollha li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunu mħarsa f'kollox.

Il-kap ta' l-iskola u oħrajn ikunu responsabbli wkoll għal reati minn impjegati.

8. Meta xi kontravvenzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tista' tiġi attribwita lil xi mpjegat ta' l-iskola privata jew bis-saħħa ta' xi eġħmil jew funzjoni awtorizzata jew permessa minħabba dak l-impieg, il-kap ta' l-iskola privata jew il-persuna l-oħra msemmija fir-regolament 7 tkun ukoll ħatja ta' dak ir-reat sakemm ma tippruvax li tkun ħadet dawk il-passi kollha neċessarji biex ma tħallix isir dak ir-reat.